**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 147/12**

**Illum: 27 ta' Frar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Jurgen Stanyer**
**(ID 320692(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Jurgen Stanyer ta' 19 il-sena, iben Joseph u Grace nee` Vella, imwieled il-Pieta`, nhar id-19 ta' Ġunju 1992, residenti 56, Dar iż-Żernieq, Triq il-Ħammieri, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 320692(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-1 ta' Mejju 2011:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i

mingħajr ma kellu liċenza mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, jbiegħ jew iqassam mediċina piskotropika u ristretta (*Ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Ordni tal-istess Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti fil-qosor illi taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta` Mejju 2011 inżamm *party* ġewwa l-istabbiliment Numero Uno, f'Ta' Qali fejn ġew arrestati diversi persuni mill-pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga, fosthom ċertu Jurgen Gauci, kif ukoll l-imputat odjern. PS 1163 Francis Schembri[1] u PC 1516 Vince Cutajar[2] xehdu illi waqt li huma kienu qegħdin ħdejn it-*toilets* tal-istess stabbiliment, innutaw żewġ persuni illi skont PS 1163 "*kienu qegħdin jiftehmu bejniethom fuq xi ħaġa*"[3] u skont PC 1516 "*nnutajna li kien għaddej*

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 35 sa 38 tal-proċess u a fol. 54 sa 59 tal-proċess.
[2] Ara din ix-xhieda a fol. 60 sa 63 tal-proċess
[3] Ara a fol. 36 tal-proċess.

*negozju bi flus u qed jgħaddu xi ħaġa lil xulxin*"[4] u dan b'referenza għal Gauci u għall-imputat odjern. PC 1516 jgħid illi dak il-ħin stess, huwa mar fuq Gauci fil-waqt illi PS 1163 mar fuq l-imputat. Fuq il-persuna ta' Gauci nstabu *sachet* żgħir bi trab abjad suspettat kokaina u żewġ pilloli bojod suspettati *ecstasy*. Fuq l-imputat odjern nstabet somma flus. Fl-ewwel xhieda tiegħu PS 1163 jgħid illi din kienet tammonta għas-somma ta' €70, iżda fit-tieni xhieda tiegħu, wara li vverifika man-noti tiegħu, jgħid illi din kienet tammonta għal €50 ossia żewġ karti tal-€10, li kienu fil-but ta' quddiem tan-naħa tax-xellug, karta tal-€10 u oħra tal-€20, li kienu fil-but ta' quddiem tan-naħa tal-lemin. Skont PS 1163, Gauci stqarr mal-pulizija illi huwa kien xtara s-sustanza misjuba fil-pussess tiegħu mingħand l-imputat odjern.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Dennis Theuma esebixxa s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Gauci bħala Dok. DT.[5] B'referenza għal dan l-esebit, PS 1163 jgħid illi kien huwa stess li kiteb il-biljett li jinsab mal-esebit u li għalkemm fl-esebit hemm indikat l-isem ta' 'Jurgen Pace' biss wara li għamel il-verifiki mal-*prime note* tiegħu, ikkonferma li dan kellu jaqra 'Jurgen Gauci' u li l-istess sustanzi nstabu fuqu. Huwa żied jgħid ukoll illi l-pilloli nstabu waqt *strip search* illi saret fuq Gauci fil-waqt illi qabel hu u PC 1516 Vince Cutajar raw lil Gauci jarmi s-*sachet* bis-sustanza suspettata kokaina mal-art.

Skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[6], maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella li ġo fih kien hemm borża tal-plastik immarkata 450 li fiha kien hemm:

(1) Karta bil-kliem Data <u>1-5-2011</u> Ħin <u>5:35pm</u> Elevat/i minn <u>right coin pocket numero uno</u> fil-preżenza ta' <u>Jurgen Paci</u> minn <u>PC516, PC747, PS1163</u> u biċċa plastik trasparenti li fiha sustanza ta' lewn bajda; u

(2) Borża tal-plastik trasparenti immarkata 450 li fiha pillola ta' lewn bajda bil-*logo Route 66* u biċċa pillola ta' lewn bajda.

Dwar dan id-dokument, l-espert ikkonkluda bil-mod segwenti:

(a) Illi fl-estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza <u>kokaina</u>. Il-piż tat-trab kien ta' <u>0.11 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

[4] A fol. 61 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 11 sa 16 tal-proċess.
[6] Din ir-relazzjoni tinsab immarkata bħala **Dok. GS** esebita a fol. 68 *et seq* tal-proċess.

(b) Illi fl-estratt meħud mill-pilloli instabet is-sustanza <u>*3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*</u>. In-numru totali ta' pilloli kien dak ta' waħda u biċċa. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jurgen Gauci irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva fl-1 ta' Mejju 2011, ftit tal-ħin biss wara illi ġie arrestat.[7] Hemmhekk huwa stqarr illi qatt ma kellu problem bid-droga. Dak in-nhar tal-1 ta' Mejju 2011 attenda *party* ġewwa Numero Uno u xtaq jipprova xi ħaġa ġdida. Żied jgħid illi hu ma tantx imur *parties* għaliex għandu tifel ta' sena u nofs u jippreferi jqatta' l-ħin miegħu. Peress illi huwa ried jipprova l-*ecstasy* u l-kokaina, huwa staqsa lil xi persuni li kienu l-*party* u dawn qalulu li Stanyer seta' jaqdih. Gauci jgħid illi huwa ltaqa' ma' Stanyer ħdejn it-*toilets*, dan qallu illi kellu u qdieh hemmhekk. Jgħid illi minn ġol-but, l-imputat ħareġ kemm l-*ecstasy* kif ukoll is-*sachet* bil-kokaina u għal dawn, huwa ħallsu b'kollox tletin ewro (€30). Jgħid ukoll illi qatt ma xtara droga mingħandu qabel u li huwa qatt ma kien prova d-droga.

Jurgen Gauci ikkonferma din l-istqarrija bil-ġurament fit-2 ta' Mejju 2011 quddiem il-Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera. Waqt din id-depożizzjoni tiegħu Gauci kkonferma l-istqarrija fl-intier tagħha u żied jispjega illi ma jafx min qallu dwar l-imputat. Huwa jgħid illi waqqaf persuna li kienet għaddejja minn quddiemu, staqsih jekk jafx lil xi ħadd li jbiegħ id-droga u dan tah in-numru ta' Stanyer. Huwa niżlu fil-*mobile* iżda ħassru u jgħid ukoll illi lil Stanyer ma kienx ċempillu. Żied jgħid illi kemm hu, kif ukoll Stanyer kienu waħedhom meta Gauci xtara d-droga mingħandu. Spjega wkoll illi lill-imputat jafu Ħal-Qormi u għalkemm isellmu lil xulxin, ma jitkellmux u lanqas ma kien jaf li l-imputat kien ibiegħ id-droga.[8]

Jurgen Gauci xehed ukoll f'dawn il-proċeduri[9]. Gauci spjega illi huwa kien ġie nvestigat b'rabta ma' pussess ta' żewġ pilloli *ecstasy* u ftit kokajina. Spjega illi fl-1 ta' Mejju 2011, waqt illi kien qiegħed jattendi *party* ġewwa l-istabbiliment *Numero Uno* huwa xtara żewġ pilloli *ecstasy* mingħand l-imputat għall-prezz ta' tletin ewro. Żied jgħid illi lill-imputat ma kienx jafu u li huwa beda jistaqsi minn fejn seta' jixtri d-droga u indikawlu lill-imputat. F'mument minnhom jgħid illi qatt ma kien rah lill-imputat. Din kienet l-unika darba illi Gauci xtara d-droga mingħand l-imputat. Jgħid ukoll illi għalkemm oriġinarjament huwa kien qal illi xtara l-kokaina li nstabet fil-pussess tiegħu mingħand l-imputat ukoll, dan ma kienx minnu. Jgħid illi huwa kien qal hekk għax beda jibża' u li

---

[7] Ara din l-istqarrija a fol. 30 u 31 fil-proces-verbal li ġie pprezentat fl-atti ta' din il-kawża fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013 u jinsab immarkat bħala Dok. OD.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 24 u 25 tal-proċess.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 39 sa 52 tal-proċess.

qabel dakinhar huwa qatt ma kellu xi involviment mal-pulizija. Skont hu, beda jibża' li kien ser jeħel xi ħaġa u ma kienx legalment assistit. Ix-xhud baqa' jsostni illi l-verita` kienet illi huwa xtara żewġ pilloli *ecstasy* biss mingħand l-imputat, fil-waqt illi kien xtara l-kokaina mingħand ħaddieħor fl-istess *party* għalkemm ma kienx jiftakar dan min kien għax għadda ż-żmien. Ikkonferma wkoll li l-esebit Dok. DT jikkontjeni s-sustanzi li nstabu fil-pussess tiegħu. Jinnega li kellmu xi ħadd miż-żmien li rrilaxxja l-istqarrija tiegħu jew li kien qed jibża' minn xi ħadd u jirrikonoxxi illi żbalja li ma qalx il-verita` mill-ewwel. B'referenza għall-istqarrija tiegħu, ix-xhud jgħid ukoll illi mhux minnu illi dakinhar Stanyer ħareġ il-kokaina mill-but u li kien ħareġ biss żewġ pilloli. In kontro-eżami mistoqsi jgħid kif kien jaf x'jismu l-imputat la darba qal li ma kienx jafu, huwa jgħid illi kienu qalulu ismu, iżda ma jiftakarx min kien dan li qallu, ħlief li kien iltaqa' ma' din il-persuna fil-*party*.

Gauci xehed ulterjorment in kontro-eżami[10] illi huwa kien jilgħab il-futbol u ġieli lagħab xi logħba kontra l-imputat iżda qatt fl-istess tim għaliex l-imputat iżgħar minnu fl-eta`. Ikkonferma illi bħal l-imputat huwa wkoll minn Ħal-Qormi u ġieli ltaqa' miegħu l-*ground* kif ukoll f'*bars* u postijiet simili meta dawn kienu jkunu ma' nies oħrajn u ġieli anki ħadu xi *drink* flimkien ma' terzi persuni. Mistoqsi jekk hux minnu illi ġieli ltaqgħu jieħdu *drink* għand iċ-Ċaċċu, Gauci xehed illi hu ma jiffrekwentax dan il-post. Mistoqsi għaliex preċedentement qal illi ma kienx jaf lill-imputat, Gauci wieġeb illi lill-imputat huwa jafu biss minn wiċċu u ma jistax jgħid illi huma ħbieb.

L-imputat irrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-pulizija - waħda nhar l-1 ta' Mejju 2011 u oħra nhar it-2 ta' Mejju 2011.[11]

L-imputat għażel illi jieħu l-pedana tax-xhieda f'dawn il-proċeduri[12]. Huwa jgħid illi dak in-nhar tal-inċident saritlu *strip search* – fuqu instab *mobile phone* li ttieħed mill-Pulizija u ntraddlu lura wara. Xehed illi lil Jurgen Gauci, li huwa minn Ħal-Qormi, jafu sewwa għaliex kienu jkunu flimkien ta' spiss. Spjega illi jaf li Jurgen Gauci jilgħab il-*football* ma' Ħal-Qormi u ġieli ltaqgħu jieħdu flixkun birra flimkien f'xi bar jew għand iċ-Ċaċċu. Żied jgħid illi anki l-familji rispettivi tagħhom jafu lil xulxin. L-imputat tenna illi ilu jaf lil Gauci minn meta kellu xi għaxar snin jew ħdax-il sena u li mhux minnu dak illi xehed Gauci fis-sens illi lilu (lill-imputat) ma jafux.

L-imputat jixhed ukoll illi qabel daħlu l-*party* hu u Gauci ltaqgħu barra b'kumbinazzjoni u ftehmu dwar minn fejn kienu ser jixtru żewġ pilloli *ecstasy* biex jaqsmuhom flimkien. Ftehmu illi kellhom jiltaqgħu kwarta wara ġewwa u

---

[10] Ara din ix-xhieda a fol. 88 sa 91 tal-proċess.
[11] Dawn jinsabu esebiti a fol. 4 u 5 tal-proċess.
[12] Ara din ix-xhieda a fol. 110 sa 123 tal-proċess.

sadanittant l-imputat daħal ġewwa biex jara minn fejn kien ser jakkwista l-*ecstasy*. Jgħid ukoll illi ftit tal-ħin wara, Gauci ċempillu u qallu biex jekk kien xtara d-droga jiltaqgħu ħdejn it-*toilets*. Huwa xtara l-*ecstasy* mill-*party* stess u x'ħin kien sejjer jiltaqa' ma' Gauci "*ħadt nofs waħda jien għalija li kienet biżżejjed*"[13]. Dak il-ħin iltaqa' mal-imputat ħdejn it-*toilets* u ħallsu għall-*ecstasy* bil-prezz li kien xtrahom hu stess u dan skont hu "*biex naqsmuha flimkien, nixxerjawha*".[14] Jgħid ukoll illi wara li hu u Gauci ltaqgħu barra b'kumbinazzjoni, Gauci staqsih minn fejn kien se jixtri l-*ecstasy* "*biex naqsmuhom flimkien u imbagħad bqajt ħdejh jiena, kont miegħu imbagħad ...Bqajt miegħu ġewwa u qgħadt ħdejh hemm hekk*"[15]. Jgħid illi hu ħa nofs pillola *ecstasy* u li l-kumplament, jiġifieri pillola u nofs, ħadhom Gauci "*bil-prezz li kont xtrajthom jiena biex naqsmuhom flimkien*".[16] Qabel inqabad, huwa laħaq għaddihom lil Gauci u jerġa' jirrepeti l-istess frażi "*biex nixxerjawhom flimkien. Konna ħa neħduhom flimkien*".[17] Jgħid illi b'kollox xtara żewġ pilloli, waħda għalih u oħra għal Gauci. U jerġa' jgħid l-imputat għal darb'oħra illi d-diskors bejn u bejn Gauci kien illi "*biex naraw minn fejn ħa nġibu tnejn biex naqsmuhom flimkien.*"[18] Jgħid illi l-pjan kien illi kienu ser imorru ħdejn il-*bar* flimkien u joqogħdu hemm biex jeħduhom. Mistoqsi jekk dak il-ħin Gauci kienx miegħu, huwa jgħid "*Le imbagħad fejn it-toilets kien miegħi. Iltqajt miegħu hemm hekk kif ċempilli*".[19] Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi barra l-istabbiliment kien hemm ħafna *bars,* xtara minn hemm u tefa' l-flus fil-but tal-qalziet u mhux fil-kartiera sempliċement sforz vizzju. Dwar il-kokaina spjega illi sa mill-bidu nett huwa dejjem tenna illi ma kellux x'jaqsam ma' dik is-sustanza u li lanqas biss kien jaf li Gauci kellu l-kokaina.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkunsidra l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat. Jirriżulta illi l-imputat volontarjament irrilaxxja żewġ stqarrijiet - waħda fl-1 ta' Mejju 2011 fl-10:00 p.m. u oħra fit-2 ta' Mejju 2011 fl-4:00 p.m. Qabel iż-żewġ interrogatorji li sarulu, l-imputat ġie mogħti s-solita twissija skont il-liġi u qabel l-ewwel interrogatorju, huwa ngħata d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah. L-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt iż-żewġ interrogatorji, stante illi dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

[13] A fol. 114 tal-proċess.
[14] A fol. 114 tal-proċess.
[15] A fol. 115 tal-proċess.
[16] A fol. 116 tal-proċess.
[17] A fol. 116 tal-proċess.
[18] A fol. 117 tal-proċess.
[19] A fol. 117 tal-proċess.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali riċentement fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess* <u>*it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih*</u>*. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih

u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet, inkluż waqt ix-xhieda tal-istess imputat f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirriżulta mill-provi prodotti illi l-imputat ġie akkużat bir-reati ta' traffikar tad-droga kokaina u tal-*ecstasy* fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata minn Jurgen Gauci, liema stqarrija, kif diġa` ingħad, huwa kkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u dan wara li l-istess Gauci nstab fil-pussess ta' pakkett li

kien jikkontjeni l-kokaina, kif ukoll żewġ pilloli *ecstasy* li proprjament, mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirriżultaw li kienu pillola u biċċa minn pillola *ecstasy*. L-imputat ġie akkużat ukoll b'dawn ir-reati in vista tal-istqarrijiet li ġew rilaxxjati minnu, liema stqarrijiet madankollu qed jiġu dikjarati inammissibbli.

Fil-pussess tal-imputat ma nstabet ebda sustanza u fuqu nstabet biss is-somma ta' €70, skont l-Ispettur Dennis Theuma u skont l-ewwel verżjoni ta' PS 1163 jew ta' €50, skont it-tieni verżjoni tal-istess PS 1163. Stante illi din is-somma baqgħet ma ġietx esebita fl-atti, il-Qorti ma setgħetx tivverifika x'kien eżattament dan l-ammont. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tosserva li din ma kinitx xi somma kbira. Tqis ukoll il-mod kif kienu maqsumin dawn il-flus u ċioe` li f'but minnhom, l-imputat kellu għoxrin ewro, fil-waqt illi f'but ieħor kellu s-somma ta' tletin ewro, liema somma tikkombaċja ma' dak li xehed Gauci u dan fis-sens illi huwa kien ħallas lill-imputat s-somma ta' €30 għall-pilloli *ecstasy*. In oltre skont l-istess imputat, għalkemm il-pulizija għall-ewwel elevawlu wkoll il-*mobile phone* li kien fil-pussess tiegħu, dan intradd lura lilu mill-istess pulizija.

Meta rrilaxxja l-istqarrija tiegħu dak in-nhar tal-1 ta' Mejju 2011, ftit siegħat biss wara l-arrest tiegħu, Gauci stqarr mal-pulizija illi huwa kien xtara mingħand l-imputat, kemm il-kokaina kif ukoll iż-żewġ pilloli *ecstasy* li nstabu fil-pussess tiegħu, liema stqarrija mbagħad huwa kkonfermaha l-għada quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, madankollu, Gauci irritratta minn dik il-parti tax-xhieda tiegħu dwar l-akkwist tad-droga kokaina mingħand l-imputat u fil-waqt illi kkonfermaha in kwantu l-akkwist tal-pilloli *ecstasy*, qal illi l-kokajina kien xtraha dakinhar stess fl-istess *party*, iżda mingħand xi ħaddieħor li ma jiftakarx min kien. Waqt din ix-xhieda tiegħu, mistoqsi kemm il-darba dwar x'akkwista eżattament mingħand l-imputat, huwa baqa' jsostni illi kien xtara biss l-*ecstasy* u mhux il-kokaina. Fix-xhieda tiegħu, l-imputat ukoll innega illi huwa kien biegħ xi kokaina lill-imputat u jgħid illi lanqas ma kien jaf illi l-imputat kellu l-kokaina fil-pussess tiegħu fil-lejl in kwistjoni.

L-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid illi f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-istess Kapitolu, imbagħad, f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, għandu jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, jekk dik ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Ġie imbagħad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi

jwassal neċessarjament għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, imma l-ġudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre għalkemm ir-regola ġenerali taħt l-Artikolu 661 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija illi: "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*", l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 u l-Artikolu 121B tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu eċċezzjoni għal din ir-regola u dan għaliex jipprovdu illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 661, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra l-Ordinanzi, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, tista tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-l-istess Ordinanzi, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew ingħatat volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi.

Fil-każ tal-lum, huwa proprju dan illi l-Qorti għandha quddiemha ossia xhieda mogħtija minn Jurgen Gauci li permezz tagħha huwa kkonferma l-istqarrija oriġinarjament rilaxxjata minnu u li fiha kien indika lill-imputat odjern bħala l-persuna li mingħandha kien akkwista d-drogi kokaina u *ecstasy*. Għalkemm Gauci irritratta in parte mix-xhieda tiegħu meta xehed f'dawn il-proċeduri, irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar dikjarazzjoni ġuramentata li ssir ai termini tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

"*Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li minn ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dawrha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud.*"

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Debono**, deċiża fis-7 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti kif diversament preseduta:

"*Issa fil-kaz in disamina m'hemmx dubbju li x-xhieda guramentata moghtija minn El-Kurbo kontra l-imputat konfermata quddiem magistrat hija sufficjenti sabiex din il- qorti ssib reita' kontra tieghu u la ghandha ghalfejn tfittex korroborazzjoni "b'cirkostanzi ohra".*

*Inghad dan pero' din il-qorti hi tal-fehma li anka f'cirkostanzi 'normali' fejn l-uniku xhud kontra imputat huwa bhal f'dan il-kaz l-'akkusatur' u m'hemm lanqas tracca ta' cirkostanza, imqarr wahda, li toffri korroborazzjoni, l-akbar cirkospezzjoni hija mhux biss dovuta izda obligatorja. F'dan il-kaz mhux biss ma jezistux provi ohra izda u apparti c-cahda kategorika tal-imputat hemm ir-ritrattazzjoni tax-xhud stess li fuqu il-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha. F'dan il-kuntest il-qorti qeghdha tiskarta ghal kollox bhala mill-aktar tenwa u assai rrilevanti l-fatt li El-Kurbo kellu n-numru tat-telefon cellulari tal-imputat. In vista ta' dan kollu ghalhekk il-qorti tiddikjara l-imputat mhux hati u tilliberah minn kull htija u piena.*"

Tenut kont tal-fatt illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar il-provvista ta' kokaina da parti tal-imputat lil Gauci tirriżulta biss mill-istqarrija ta' Gauci kif sussegwentement ikkonfermatha minnu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, tenut kont ukoll tal-fatt illi Gauci irritratta minn din il-parti tax-xhieda tiegħu u sostna iżjed minn darba illi mhuwiex minnu illi huwa kien xtara d-droga kokaina mingħand l-imputat odjern, kif ukoll illi huwa ben verosimili illi huwa xtara din il-kokaina mingħand ħaddieħor fl-istess *party* meta huwa magħruf illi tali droga hija faċilment disponibbli f'*parties* ta' dan it-tip, tenut kont ukoll illi ma nstabet l-ebda kokaina fil-pussess tal-imputat u lanqas hemm xi ċirkostanzi oħra li jorbtu lill-imputat mal-bejgħ tad-droga kokaina, apparti illi l-imputat innega li huwa kien provda d-droga kokaina lil Gauci, tqis għaldaqstant illi l-imputazzjoni (a) ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

Madankollu mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tal-imputazzjoni (b). Dwar dan, Gauci sostna kemm *a tempo vergine*, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi huwa xtara żewġ pilloli mingħand l-imputat odjern. Da parti tiegħu, l-imputat ma jiċħadx illi effettivament kien huwa li provda pillola u nofs lil Gauci. Anzi huwa jgħid illi bi ftehim ma' Gauci, huwa kien xtara żewġ pilloli mill-*party* stess u għadda waħda u nofs lil Gauci bl-istess prezz li kien xtrahom hu, bil-premessa madankollu, illi dan kien għamlu sabiex huma jaqsmu dawn il-pilloli fil-*party* stess. Dak li qed jittenta jagħmel l-imputat għalhekk huwa illi mingħajr ma jiċħad li kien huwa stess li pprovda dawn il-pilloli lil Gauci, jinvoka d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u jsostni illi dan kien każ ta' traffikar *by sharing.*

Huwa evidenti illi l-verżjoni tal-imputat tikkontrasta ma' dik illi ta Gauci dwar kif svolġew il-fatti illi wasslu għall-arrest tagħhom it-tnejn. Fil-waqt illi Gauci

xehed illi lill-imputat kien jafu biss minn wiċċu u dan għaliex kienu t-tnejn minn Ħal-Qormi, kienu jiffrekwentaw l-istess *ground* tal-futboll u anke *bars* fejn ġieli ltaqgħu meta kienu ma' terzi, huwa jgħid ukoll illi ma kinux ħbieb. L-imputat min-naħa l-oħra jagħti impressjoni xort'oħra u jgħid illi hu u Gauci kienu jqattgħu ħafna ħin flimkien u li anke l-familji tagħhom kienu jafu lil xulxin. Da parti tiegħu, għalkemm f'mument minnhom fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, meta ġie ssuġġerit lilu illi huwa qatt ma kien ra lill-imputat qabel, Gauci jwieġeb fin-negattiv, biss fix-xhieda tiegħu (u anke fl-istqarrija rilaxxjata minnu[20]) Gauci jgħid illi ma kienx jaf lill-imputat u fix-xhieda tiegħu *a tempo vergine* quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u anke in kontro-eżami, huwa jispjega mbagħad illi kien jafu minn wiċċu iżda ma kinux ħbieb u ma kinux iqattgħu ħin flimkien. Dwar dawn iż-żewġ verżjonijiet, il-Qorti temmen iżjed lil Gauci, anke għaliex apparti illi sostna dan sa mill-bidu nett, meta xehed in kontro-eżami, huwa wieġeb għad-domandi kollha li sarulu dwar kif u fejn kien jaf lill-imputat u f'punt minnhom insista illi "*Ma mmurx niekol il-ħobż miegħu*"[21] meta effettivament ried jgħid illi ma kienx jiekol il-kirxa miegħu biex ifisser li ma kinux ħbieb. Tqis ukoll f'dan il-kuntest illi l-imputat kellu l-motivi tiegħu biex jgħid illi Gauci u hu kienu ħbieb u dan sabiex jipprova jagħti l-impressjoni li dan ma kienx għajr każ ta' traffikar *by sharing.*

Gauci jgħid ukoll illi stante illi fil-jum in kwistjoni, huwa xtaq jipprova l-*ecstasy* u l-kokaina, huwa staqsa minn fejn seta' jixtri din id-droga u ngħata n-numru tal-imputat mingħand terza persuna fil-*party* u li, skont hu, niżżel dan in-numru fuq il-*mobile* tiegħu, iżda sussegwentement lill-imputat ma ċempillux u anke ħassar dan in-numru minn fuq il-*mobile phone*. Biss jgħid illi mar fuq l-imputat u ltaqa' miegħu ħdejn it-*toilet* u dak il-ħin akkwista mingħandu l-*ecstasy*. Skont din il-verżjoni ta' Gauci, allura dan kien każ ta' traffikar pur u sempliċi. Da parti tiegħu, l-imputat jgħid illi Gauci u hu ltaqgħu barra b'kumbinazzjoni u skont hu, ftehmu li jixtru żewġ pilloli *ecstasy* biex jaqsmuhom bejniethom, għalkemm f'mument minnhom jgħid ukoll illi Gauci kien staqsih minn fejn seta' jakkwista l-*ecstasy* biex jaqsmuhom flimkien. Għalhekk, skont l-imputat, huwa daħal fil-*party* u akkwista żewġ pilloli *ecstasy* għalih u għal Gauci. Sadanittant ċempillu Gauci biex jara jekk kienx irnexxielu jakkwista d-droga, biex f'dak il-każ jiltaqgħu ħdejn it-*toilets*. Skont hu, miż-żewġ pilloli li kien għadu kif akkwista, huwa ħa nofs waħda, u mbagħad iltaqa' ma' Gauci ħdejn it-*toilets* u provdieh b'pillola u nofs bil-prezz li kien xtrahom hu. Ukoll skont l-imputat, l-intenzjoni kienet li dawn imorru mal-*bar* u jieħdu d-droga flimkien, iżda ġara li ġew arrestati waqt li kienu għadhom ħdejn it-*toilets.*

[20] Fl-istqarrija tiegħu huwa jgħid hekk: "*le dan il-guvni jien ma kontx nafu.*" (a fol. 31 tal-proċess)
[21] A fol. 90 tal-proċess.

Għalhekk fil-waqt illi Gauci jgħid biss illi huwa ried jipprova xi ħaġa ġdida u għażel illi jixtri l-kokajina u l-*ecstasy* fil-lejl in kwistjoni u jinvolvi lill-imputat biss f'din il-viċenda kollha billi jgħid illi xtara l-*ecstasy* mingħandu, l-imputat imur ben oltre u jgħid illi l-pilloli nxtraw biex Gauci u hu jeħduhom u jaqsmuhom flimkien waqt il-*party*. Biss f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi fix-xhieda tiegħu fl-ewwel lok, l-imputat jirrepeti kemm il-darba u kważi kważi b'mod xejn naturali, kliem simili fil-portata tiegħu, sabiex jagħti l-impressjoni li hu u Gauci kellhom l-intendiment li jieħdu l-*ecstasy* flimkien – "*biex nixxerjawhom flimkien*"[22]; "*biex naqsmuhom flimkien jien u hu*"[23]; "*biex naqsmuha flimkien, nixxerjawha*"[24]; "*biex naqsmuhom flimkien*"[25]; "*biex naqsmuhom flimkien*"[26]; "*Iva biex nixxerjawhom flimkien. Konna ha nehdumhom flimkien*"[27]; "*Biex naraw minn fejn ha ngibu tnejn biex naqsmuhom flimkien*"[28]; "*Konna ha nehdumhom hemm hekk hux*"[29] – evidentement għaliex ġie spjegat lilu x'konsegwenzi iżjed favorevoli jista' jkun hemm, kemm il-darba titwemmen din il-verżjoni tal-fatti. Tinnota wkoll il-Qorti diskrepanza fix-xhieda tal-imputat meta fil-waqt li jgħid illi huwa kien iltaqa' ma' Gauci barra b'kumbinazzjoni u li mbagħad Gauci ċempillu ftit tal-ħin wara biex jiltaqgħu ħdejn it-*toilets*, li jfisser allura li wara li ltaqgħu barra ma baqgħux flimkien, f'mument minnhom jgħid ukoll illi qagħdu flimkien fil-*party*: "*u imbagħad bqajt ħdejh jiena, kont miegħu imbagħad ...Bqajt miegħu ġewwa u qgħadt ħdejh hemm hekk*"[30], meta huwa evidenti li dan ma kienx minnu. Apparti li huwa stess jgħid illi ftehmu biex jiltaqgħu ħdejn it-*toilets*, hekk kif iltaqgħu hemmhekk u l-imputat għadda d-droga lil Gauci, dawn ġew immedjatament arrestati mill-pulizija li saħansitra rawhom jinnegozjaw u jgħaddu l-affarijiet lil xulxin. Il-Qorti temmen li dan ma huwa xejn ħlief tentattiv da parti tal-imputat biex jipprova jagħti l-impressjoni li Gauci u hu kienu ħbieb – fatt li Gauci jinnegah mill-bidu u iżjed minn darba – u dan sabiex titwemmen il-verżjoni tiegħu li huma kienu ser jieħdu d-droga flimkien. Biss dan il-Qorti tiddubitah fid-dawl tal-fatt illi Gauci sostna fuq li sostna li huwa ma kienx iqatta' ħin mal-imputat u li kien biss jafu minn wiċċu.

L-imputat jikkontradixxi ruħu wkoll meta jgħid illi fi triqtu lejn it-*toilets* sabiex jiltaqa' ma' Gauci, huwa ħa nofs pillola *ecstasy* u li fi kliemu din kienet biżżejjed għalih. Kif ingħad, il-pulizija baqgħet ma sabet l-ebda droga fil-pussess tal-imputat u dan minkejja illi, skont hu, anke saritlu *strip search*. Għalhekk b'dan il-Qorti trid neċessarjament tifhem illi skont il-verżjoni tiegħu,

[22] A fol. 114 tal-proċess.
[23] A fol. 114 tal-proċess.
[24] A fol. 114 tal-proċess.
[25] A fol. 115 tal-proċess.
[26] A fol. 116 tal-proċess.
[27] A fol. 116 tal-proċess.
[28] A fol. 117 tal-proċess.
[29] A fol. 118 tal-proċess.
[30] A fol. 115 tal-proċess.

fi triqtu lejn Gauci, l-imputat ikkonsma nofs pillola *ecstasy,* biex sussegwentement, imbagħad ta lil Gauci pillola u nofs. Mir-relazzjoni tal-espert Sammut, jirriżulta illi l-esebit kien jikkontjeni pillola *ecstasy* u biċċa u dan minkejja illi l-Uffiċjali tal-Pulizija li għamlu t-tfittxija jgħidu li nstabu żewġ pilloli fil-pussess ta' Gauci u Gauci stess jgħid illi xtara żewg pilloli *ecstasy* mingħand l-imputat, fil-waqt illi lkoll ikkonfermaw illi l-esebit in atti kien dak elevat fil-jum in kwistjoni. Huwa evidenti illi Gauci ma laħaqx ikkonsma minn dawn il-pilloli huwa stess, għaliex ġie arrestat immedjatament mill-pulizija hekk kif akkwista l-pilloli mingħand l-imputat. Issegwi għalhekk neċessarjament id-domanda: la darba l-imputat jgħid illi huwa laħaq ikkonsma nofs pillola u provda r-rimanenti lil Gauci, li anke ħallas lill-imputat għal dawn il-pilloli, x'kienu eżattament ser jikkunsmaw flimkien Gauci u l-imputat, hekk kif skont il-verżjoni tiegħu, kienu ser imorru ħdejn il-*bar*? Huwa evidenti minn din il-verżjoni tal-imputat illi dak li huwa provda lil Gauci kien purament għal Gauci li anke ħallas għal dak li akkwista mingħand l-imputat u li ma kien hemm l-ebda *sharing* involut, meta wkoll skont il-verżjoni tal-istess imputat, huwa kien diġa` kkonsma n-nofs pillola li żamm għalih u dan f'waqt meta kien għadu lanqas iltaqa' ma' Gauci.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Marco Galea</u>**, fejn dik il-Qorti qalet hekk dwar l-elementi ta' dak komunement magħruf bħala *trafficking by sharing* ikkontemplat fl-ewwel proviso tas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn</u>, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma***

***tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din ilQorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Kompliet hekk il-Qorti tal-Appell dwar il-każ li kellha quddiemha:

"*Issa, fil-kaz in dizamina, certament huwa nieqes l-element ta' "sharing" kif hawn aktar 'l fuq spjegat. L-appellat Galea xtara mhux biss ghalih, izda wkoll ghal Caruana, li hallsitu ghal dak li kien xtralha. Proprjament anqas jirrizulta sodisfacentement li Galea xtara ghalih ukoll f'dik il-gurnata, ghax fl-istqarrija tieghu hu nnega li f'dik il-gurnata kien xtara l-erojina. Fi kliem iehor, Galea pprovda d-droga lil Caruana, versu l-korrispettiv ta' hlas, u din marret tehodha waheda fit-toilet ta' l-istabbiliment aktar 'l fuq imsemmi. Ma kienx, ghalhekk, il-kaz li Galea kien qed jaqsam id-droga li kellu ghalih ma' Caruana – hu xtralha sehemha appozitament ghaliha, u kien nieqes ukoll l-element ta' "l-istess post". Konsegwentement l-ewwel qorti kienet skorretta meta applikat l-imsemmi l-ewwel proviso tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101, u l-appell interpost mill-Avukat Generali ghandu jintlaqa'.*"

Imbagħad fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija (Assistent Kummissarju Norbert Ciappara) vs *Omissis***</u> deċiża fid-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonkludiet hekk dwar ċirkostanzi fejn l-appellant kien xtara l-pilloli *ecstasy* għalih u għal sħabu waqt *party*:

"*Illi l-kuncett ta' dritt li isawwar l-"iskuzanti" ghar-reat ta' traffikar jew kif inhu ahjar imsejjah it-trafficking by sharing, fejn allura hija prevista piena*

*aktar miti minn dik tassattiva tal-prigunerija, giet introdotta fil-ligi taghna permezz ta'l-Att XVI ta'l-2006. Il-hsieb tal-legislatur mal-promulgazzjoni tal-emenda gie imfisser hekk:*

*"**Sal-lum kull każ ta' traffikar – żgħir jew kbir, sharing u mhux sharing – kien jaqa' taħt il-kappa tat-traffikar u allura, malli l-każ tiegħek jaqa' taħt din il-kappa, awtomatikament kien ikollok piena karċerarja tassattiva ta' sitt xhur. Jiġifieri l-aħjar li tista' tmur huwa li teħel sitt xhur ħabs. .... għal min qiegħed jaqsam ma' xi ħadd ammonti żgħar ta' droga. Xorta jitqies bħala traffikar b'mod ġenerali, pero' mhux bilfors li l-ħati jintbagħat il-ħabs. Għalhekk m'aħniex qed inneħħu l-piena karċerarja għax-sharing imma qed ngħidu li fil-każ ta' sharing mhux bilfors li jkun hemm piena karċerarja.***

***Din l-emenda qed nagħmluha b'tali mod li ma jkunx hemm xi ħadd li jipprova jużaha sabiex ma jmurx il-ħabs meta ħaqqu jmur il-ħabs. Qegħdin ukoll noħolqu l-parametri u nagħtu d-diskrezzjoni lill-qorti. Qegħdin ngħidu li d-droga li kellu ma kenitx sabiex jagħmel il-flus biss minnha imma l-intenzjoni tiegħu hija dik li jikkonsmaha personalment jew ma' xi ħadd ieħor. Barra minn hekk l-akkużat jista' jikseb dan il-benefiċċju għal darba waħda biss, jiġifieri jekk wara li l-qorti ma tkunx bagħtitu l-ħabs fil-każ ta' sharing u dan jerġa' jikkommetti reat ieħor ta' sharing, ikollu jmur il-ħabs bilfors, bil-piena minima karċerarja ta' sitt xhur.**"*[31]

*Dan ifisser illi l-legislatur kellu f'mohhu dawk il-persuni li jkunu fil-pussess tad-droga f'ammonti zghar u li ma ghandhomx l-intenzjoni jaghmlu qliegh minnha, izda biss li jikkonsmawha huma stess jew inkella li jikkonsmawha ma haddiehor. Dan ifisser allura illi f'dawn il-kazijiet biss it-traffikar, li allura jinkludi kull provvista ta' sustanza illecita lil terzi, jista' igorr piena alternattiva ghal dik karcerarja. Illi din il-mitigazzjoni fil-piena hija estiza ukoll ghar-reat tal-pussess aggravat. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dicitura tal-ligi fl-artikolu 120A(7) hemm ipprovdut testwalment illi:*

*"**Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew (b)(i): Kap. 446.***

***Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li <u>l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-</u>***

[31] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-seduta parlamentari numru 388 tat-23 ta' Mejju 2006.

***medičina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn*, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:**

***Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-disposizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.*"**

*Illi mid-dicitura tal-ligi allura johrog l-element formali tar-reat u cioe' l-hsieb pre-ordinat maghmul mill-hati illi jikkonsma dik id-droga li ikollu fil-pussess tieghu fl-istess post u fl-istess hin ma' ohrajn, liema intenzjoni tohrog iktar cara mill-qari tat-test ingliz fejn jinghad illi "the offender intended to consume the drug on the spot with others." Dan certament ma jinkludiex dik is-sitwazzjoni allura fejn l-hati ikun akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil terzi.*

*Issa l-appellanti ighid hekk fl-istqarrija tieghu rilaxxjata a tempo vergine u emmnuta mill-Ewwel Qorti u dan meta mistoqsi x'kien ser jaghmel bil-11-il pillola u nofs li instabu fuqu mill-pulizija:*

*"Dawk jiena kont ghadni kif mort nixtrihom ghalija u ghal shabi ghal street party li kien hemm Bugibba."*

*Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet* **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** *u* **Il-Pulizija v. Marco Galea**, *decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.*

*Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni.*"

Illi m'hemmx dubju illi fil-każ odjern, it-teżi tad-difiża tikkrolla fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok, għalkemm l-imputat jgħid illi Gauci u hu kienu ftehmu sabiex jieħdu d-droga flimkien jirriżulta bħala fatt illi Gauci u l-imputat ma kinux ser jieħdu d-droga flimkien fl-istess ħin. Fil-fatt skont l-imputat, huwa diġa` kien ikkonsma nofs pillola *ecstasy,* li skont ix-xhieda tiegħu, għalih kienet biżżejjed, u dan qabel iltaqa' ma' Gauci sabiex jipprovdilu r-rimanenti tal-pilloli. Mela allura l-element tal-komunanza sa hawn diġa` huwa nieqes. Terġa' u tgħid sussegwentement, Gauci ħallas lill-imputat għal dak li provdielu l-istess imputat u żamm ir-rimanenti tal-pilloli hu. Mela allura anke hawn m'hemmx l-element tax-*sharing* għaliex skont il-verżjoni tal-imputat, huwa xtara l-pilloli appożitament għal Gauci u mbagħad irċieva wkoll il-ħlas għalihom. Ma kienx għalhekk il-każ li l-imputat kien qed jaqsam id-droga li kellu għalih ma' Gauci, għaliex skont hu, l-imputat akkwista l-pilloli għal Gauci wkoll. Fl-azzjonijiet tiegħu, u skont il-verżjoni tiegħu stess, l-imputat indaħal sabiex jixtri d-droga għal Gauci u fil-fatt *a priori* akkwista d-droga bl-intenzjoni li jgħaddiha lilu. La darba skont hu, akkwista d-droga għal Gauci, ma jistax jingħad illi huwa kien qed jaqsam id-droga tiegħu jew id-droga intiża għalih mal-istess Gauci.

Għaldaqstant, il-Qorti fil-waqt illi tqis illi l-imputazzjoni (b) ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mil-liġi, tqis ukoll illi dan ma kienx każ ta' traffikar *by sharing* u illi għalhekk m'għandux japplika l-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Irid jingħad ukoll illi għalkemm waqt it-trattazzjoni finali tagħha, il-Prosekuzzjoni talbet illi l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi r-reat ġie kommess ġewwa stabbiliment frekwentat miż-żgħażagħ u li għalhekk kellu japplika l-aggravju tad-distanza, dan l-aggravju ma jirriżultax illi ġie addebitat lill-imputat bħala parti mill-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu. Lanqas ma saret talba fil-mori tal-proċeduri sabiex jiżdied dan l-aggravju u għaldaqstant, il-Qorti ma tistax iżżid il-piena kif tikkontempla l-liġi fit-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għal fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-imputat li minnha jirriżulta illi minn dakinhar tal-każ odjern, l-imputat ma reġax kellu skontri oħrajn mal-ġustizzja. Qieset ukoll ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* u s-*Social Inquiry Report* redatt minnha fil-konfront tal-imputat[32], mil-liema jirriżulta illi llum l-imputat għandu ħajja u mpjieg stabbli u li għalkemm fil-passat abbuża mid-droga għal ftit xhur, huwa għeleb din il-problema u testijiet tal-kampjuni tal-urina li tteħdulu rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

Qieset ukoll illi l-ammont ta' pilloli *ecstasy* involuti f'dan il-każ kien wieħed minimu.

Għalhekk fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi l-piena erogata għandha tkun waħda fil-minimu.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnha, iżda qed issibu ħati tal-imputazzjoni (b) u tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u piena ta' multa ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas nofs[33] l-ispejjeż tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' wieħed u disgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€91.83). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu

[32] Ara dan ir-rapport immarkat bħala Dok. JF a fol. 101 sa 108 tal-proċess.

[33] L-imputat mhuwiex qed jinstab ħati tal-imputazzjoni (a) dwar il-kokaina u għaldaqstant, il-Qorti tqis illi għandu jħallas biss nofs l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Sammut.

jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat